MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 75/2003

**Bank of Valletta plc**

**-vs-**

**Loreto Bugeja u Mary Bugeja**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi hija kienet ikkoncediet overdraft u facilitajiet bankarji ohra lill-konvenuti bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit tat-tnax (12) ta' Frar elf disa' mija tnejn u disghin (1992);

Illi dawn il-facilitajiet bankarji kienu jigu operati mill-branka ta' San Gwann tal-Bank of Valletta plc, fuq overdraft account, illi sussegwentement giet konvertita f'loan account bil-kont numru 36704644011;

Illi b'effett fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu elfejn u tlieta (2003) l-ammont dovut mill-konvenuti in linea ta' rifuzjoni ta' kapital u interessi fuq dawn il-facilitajiet bankarji kien ta' tnejn u tletin elf hames mija u sbatax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm32,517.08);

Illi inoltre l-konvenuti ghandom ihalsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u ghoxrin lira Matija u hamsa u hamsin centezmu (Lm120.55) in liena ta' rifuzjoni ta' spejjez u drittijiet legali inkorsi minnha sabiex taggorna r-ricerki dwar trasferimenti u passivita' tal-konvenuti, kif ukoll in konnessjoni ma' xoghol iehor konnessi mal-facilitajiet bankarji koncessi lill-konvenuti;

Illi s-socjeta' attrici trid tithallas l-ammont dovut minghand il-konvenuti, mentri l-konvenuti baqghu inadempjenti minkejja illi sahansitra gew interpellati b'ittra ufficjali ghal dan l-iskop tas-16 ta' Novembru 2000.

Illi dan id-debitu hu wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jaf l-attur il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'iqajmu ghat-talba illi dan il-kreditu tas-socjeta' attrici jithallas.

Talbet li din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici u Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundannahom sabiex ihalsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u tletin elf sitt mija u sebgha u tletin lira Maltija u tlieta u sittin centezmi (Lm32,637.63) oltre l-interessi fuq dan l-ammont b'effett mid-data tat-tletin ta' Marzu 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 2000.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ingunti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati bic-citazzjoni u l-avviz fit-18 ta' Awissu 2002 ghalkemm il-konvenut deher fl-ewwel udjenza tat-18 ta' Novembru 2003 (ara verbal relattiv) u fl-udjenzi successivi hlief dik tas-6 ta' Lulju 2004 baqa' ma ntavolax eccezzjoni u kwindi waqa' in kontumacja.

Rat l-istess verbal taghha tas-6 ta' Lulju 2004.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Is-socjeta' attrici qeghdha ssaqsi r-rifuzjoni minghand il-konvenuti ta' ammont, kompriz kapital u interessi, fuq facilitajiet bankarji koncessi minnha lill-konvenuti, inizjalment fuq overdraft, li sussegwentement gie konvertit f'"loan account" b'numru 36704644011. Flimkien ma' dan l-ammont is-socjeta' attrici qeghdha ukoll tesigi l-pagament ta' ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm120.55) in linea ta' rifuzjoni ta' spejjez u drittijiet legali inkorsi minnha sabiex taggorna r-ricerki dwar trasferimenti u passivita' tal-konvenuti, kif ukoll ta' xoghol iehor konness ma' l-imsemmija facilitajiet bankarji. Dana kollu jirrizulta mill-affidavit guramentat tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici u ukoll mill-kuntratt u dokumenti ohra esebiti.

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2003 il-konvenut iddikjara li l-unika kontestazzjoni tieghu kienet ristretta ghall-komputazzjoni ta' l-imghax. Jidher li tali revizjoni saret mis-socjeta' attrici kif jirrizulta (folio 25) minn nota pprezentata fir-Registru ta' dina l-Qorti fit-22 ta' Dicembru 2003.

Illi minn dik id-data sal-lum il-konvenuti baqghu passivi u fuq kollox huma kontumaci.

Illi s-socjeta' attrici da parti taghha ippruvat l-kreditu li ghandha tiehu minghand il-konvenuti anke jekk fis-somma ridotta ta' tmienja u ghoxrin elf u lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm28,001.39) li maghha ghandha tizdied is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm120.55) import ta' spejjez kif fuq intqal.

Ghaldaqstant qeghdha l-Qorti tiddisponi mill-kawza billi qeghdha tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lis-socjeta' attrici l-ammont komplessiv ta' tmienja u ghoxirn elf mija u ghoxirn lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm28,120.94) bl-imghax ulterjuri dekorribbli mid-data tat-30 ta' Marzu 2003.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------